MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 88/1995/1

**Salvu Attard**

**v.**

**William Gatt**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fil-15 ta' April 2004. L-appellant Salvu Attard qieghed jitlob ir-revoka ta'

dik is-sentenza billi jigu milqugha t-talbiet tieghu filwaqt illi jigu michuda l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut.
2. Permezz ta' att ta' citazzjoni pprezentat fit-2 ta' Gunju 1995, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, l-appellant, allura attur, qal u talab illi:

**" Peress illi fit-18 ta' Frar 1995, ghal habta tas-7.45pm fi Triq San Anard, Victoria, Ghawdex, il-konvenut filwaqt li kien qed isuq karozza numru J-0328 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel fuq il-ponijiet misjuqin mill-attur Salvu Attard fl-istess triq u weggahhom;**

**"Peress illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversament sabiex jillikwida d-danni kkagunati lill-attur, baqa inadempjenti;**

**"U peress illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni huwa unikament responsabbli l-konvenut;**

**"Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:**

**i) tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess garrab l-attur;**

**ii) Tillikwida d-danni ta' l-attur okkorendi bl-opra ta' perit nominand;**

**iii) Tikkundannah ghall-hlas tad-danni kif fuq dikjarat.**

**"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 8 ta' Mejju 1995, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."**

Fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa illi:

**a) t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi hija nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt; u**

**b) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju illi r-responsabbilita` kollha ta' l-incident kienet unikament tort ta' l-attur illi naqas li jiehu hsieb il-ponijiet li kienu fil-pussess tieghu u ghalhekk kiser r-regolamenti tat-traffiku.**

Il-konvenut ipprezenta kontro-talba illi tghid hekk:

**"Illi l-konvenut jixtieq jinqeda b'dawn il-proceduri mibdijin mill-attur sabiex huwa stess jipproponi l-kontro-talba tieghu u ghalhekk:**

**"Peress illi l-konvenut-rikonvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu skond ir- regolamenti tat-traffiku;**

**"Peress illi l-attur-rikonvenut halla l-ponijiet tieghu jiggerrew fi triq pubblika minghajr l-ebda forma ta' kontroll;**

**"Peress illi l-konvenut-rikonvenut sofra hsarat fil-vettura tieghu stante li l-attur-rikonvenut naqas li jhares ir-regolamenti tat-traffiku;**

**"Ighid ghalhekk l-attur-rikonvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:**

**1. Tiddikjara unikament responsabbli ghall-incident riferit fic-citazzjoni tal-attur-rikonvenut lill-istess attur-rikonvenut;**
**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut-rikonvenut liema danni jistghu jigu valutati minn perit nominand;**
**3. Tikkundanna lill-attur-rikonvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.**

**"Bl-ispejjez komprizi tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Mejju 1995 u tal-procedura prezentata permezz tac-citazzjoni u dik prezenti u bl-imghax legali mid-data tal-prezenti kontra l-attur-rikonvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni."**

Illi l-atturipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn eccepixxa:

**“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi ghall-incident in kwistjoni huwa unikament responsabbli l-konvenut peress illi fl-okkazzjoni in kwistjoni kien minhabba n-negligenza, nuqqas ta’ hila u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu li kemm l-attur u kemm il-konvenut sofrew id-danni reklamati. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”**

<u>**Is-sentenza appellata**</u>

3. Permezz ta’ decizjoni moghtija fil-15 ta’ April 2004, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri cahdet it-talbiet kollha attrici kif migjuba fic-citazzjoni, u dan wara li effettivament ikkonkludiet illi l-konvenut ma rrizultax li kien responsabbli ghall-incident u l-konsegwenti danni, liema responsabilita` ghandu jgorrha interament l-attur; waqt li ghal dak li hi l-kontrotalba tal-konvenut, akkoljiet l-ewwel talba u cahdet il-kumplament tat-talbiet u ddikjarat li l-kontro-talba saret inutilment peress illi rrizulta li l-konvenut kien gie rizarcit mis-socjeta` assikuratrici u li ghalhekk mhuwiex tenut li jircievi l-ebda hlas iehor ghal danni. Kwantu ghall-ispejjez, dik il-Qorti ddecidiet li l-attur kellu jhallas l-ispejjez kollha konnessi mac-citazzjoni tieghu, filwaqt li ghall-kontro-talba l-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“Illi hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti li l-proceduri odjerni ttawlu inutilment u bi spejjez zejda meta dak li kien mehtieg li jsir l-ewwel u qabel kollox kien li tigi stabbilita l-kwistjoni tar-responsabilita` ghall-incident in meritu. Kwistjonijiet rigwardanti d-danni kienu sussidjarji u f’kull kaz jirrizulta mill-atti li kien inopportun li jinghataw prijorita`, se mai setghu gew konsiderati pari passu. Naturalment din il-Qorti qeghdha tghid dan bil-beneficju tal ‘*senno del poi*’.

“L-incident meritu dan il-kaz kien jinvolvi l-korriment u mankament ta’ zewg ponijiet proprjeta` tal-attur li ntlaqtu

mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-gurnata, xahar u hin tal-incident.

“Illi hu appena sufficjenti li jinghad li billi l-istanza giet proposta bic-citazzjoni tal-attur kien jinkombi fuqu li jipprova, almenu fuq bazi ta’ probabilita`, dak asserit minnu, li fil-kaz in ezami, kien jinvolvi li l-incident in kwistjoni u d-danni konsegwenzjali graw esklussivament tort in-negligenza u imperizja tal-konvenut.

“Ikkunsiderat dan il-punt mill-atti jirrizulta li matul d-disa’ snin li ilha sejra din il-kawza xehed l-attur u xhud prodott minnu li kkontradica lill-attur dwar fatti materjali u inerenti mad-dinamika tal-incident. Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma taghtix aktar kredenza u affidabilita` lil dan ix-xhud bhala parti disinteressata u altruwista. Hi fuq din ix-xhieda li tirranka l-pretensjoni tal-attur li ghall-incident hu responsabbli l-konvenut. Ix-xhieda in kwistjoni hi dik moghtija minn certa Betty Berry (folio 49) li xehdet ezsawrjentement dwar l-istess incident li assistiet ghalih ‘*ictu oculi’*. Fil-qosor hi rrakontat li kien dlam cappa u waqfet meta rat t-tliet ponijiet jiggerew fit-triq biex tippresta l-assistenza taghha. Tghid li z-zwiemel ma’ kellhomx ‘harness’ u li rat il-vettura tal-konvenut gejja ghad-direzzjoni taz-zwiemel u tolqot lil wiehed minnhom. Issa li gew korruti zewgt izwiemel u mhux wiehed hu fattur negligibbli konsiderat ic-cirkostanzi. Dak invece li hu ta’ rilevanza fondamentali hu li kien l-attur li kellu obbligu impost fuqu mil-ligi li jiehu hsieb l-annimali. Jghid difatti l-Artikolu 1040 tal-Kap 16 li “is-sid ta’ animal, jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu, iwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk ikun jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intilef jew harab”. Jidher lampanti f’dan il-kaz li l-annimali kienu qeghdin jiggerew fit-triq, verosimilment meta kienu harbu minn taht il-kustodja tal-attur kif jixhed il-fatt li kienu bla ‘harness’. Il-konkluzjoni ta’ dan hu li l-konvenut ma jirrizultax li kien responsabbli ghall-incident u konsegwenti danni liema responsabilita` ghandu jgorra interament l-attur.

“Ikkunsidrat:

"Li in kwantu ghal kontro-talba tal-konvenut hu palesi fuq l-iskorta ta' dak li ntqal fuq li hu ghandu jirnexxi fl-ewwel talba li titratta ir-responsabilita`. Mhux hekk pero' dwar it-tieni u t-tielet talbiet billi jirrizulta li hu gie rizarcit mis-socjeta' assikuratrici tieghu kif tixhed il-kawza li din ta' l-ahhar fethet kontra l-attur u li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti (sede inferjuri) u li kienet qeghdha tinstema' kontestwalment ma' din il-kawza. Minn l-aspett tad-danni m'hemm xejn li l-konvenut jista' jew hu tenut li jircievi b'dan li kull prova tieghu taht dan l-aspett tkun ghal kollox inutili u biss telf ta' hin."

**<u>L-appell ta' l-attur Salvu Attard</u>**

4. B'rikorsipprezentat fil-5 ta' Mejju 2004, l-attur appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tal-15 ta' April 2004, aktar 'l fuq imsemmija. L-aggravju tal-attur huwa illi l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata meta kkonkludiet illi l-ponijiet, zwiemel ta' l-attur, kienu qed jiggerrew fit-triq u illi l-attur kien responsabbli ghal dan l-incident ghax ma kellux kontroll ta' l-annimali. Essenzjalment dan l-aggravju huwa bbazat fuq il-fatt allegat illi l-ponijiet fil-hin ta' l-incident kienu marbutin u misjuqa mill-attur.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

5. L-uniku aggravju tal-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata meta ddecidiet illi l-incident kien unikament responsabbli ghalih l-attur.

6. Illi huwa principju bazilari illi huwa l-attur illi jrid jaghmel il-prova, anke jekk biss fuq bazi ta' probabbilita`, sabiex jigu milqugha t-talbiet tieghu u li jekk hu ma jirnexxilux jaghmel din il-prova, il-Qorti ma tkunx tista' tilqa t-talbiet tieghu. L-Artikolu 562 tal-Kodici Ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid illi:

*"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

Ghalhekk kien imiss lill-attur illi jipprova dak li kien qed jallega, ossia illi kien il-konvenut li kien unikament responsabbli (jew imqar b'xi mod responsabbli) ghall-incident. Sabiex isostni din l-allegazzjoni, l-attur, hawn appellant, xehed huwa stess u pproduca xhud indipendenti, lil certa Betty Berry.

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-unika prova li fil-fatt setghet tistrieh fuqha dik il-Qorti kienet proprju x-xiehda ta' din Betty Berry li minhabba l-fatt illi kienet xhud disinteressata (hija waqfet biex taghti l-ghajnuna kif rat il-ponijiet jiggerrew, apparentement bla kontroll – ghalhekk l-ewwel Qorti sejhitilha wkoll altruwista) kienet aktar kredibbli fir-rigward ta' dak li verament sehh waqt dan il-incident. Din ix-xhud addirittura tikkontradici lill-attur, fis-sens illi tghid illi l-ponijiet kienu fil-fatt jiggerrew mahrubin <u>qabel</u> ma giet il-vettura li laqtet wiehed minnhom, u mhux, kif qed jipprova jghid l-appellant, li dawn sfrattaw wara li wiehed jew aktar minnhom intlaqat.

7. L-attur bhala sid ta' animal u skond l-Artikolu 1040 tal-Kodici Civili kien responsabbli ghall-agir tal-ponijiet tieghu. Dana l-artikolu jghid:

*"Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu, iwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intilef jew harab."*

Proprju mid-deposizzjoni ta' Betty Berry jidher illi dawn l-annimali kienu fil-fatt bla "harness" qabel ma gara l-incident u li ghalhekk kienu qeghdin jigru fit-triq qabel ma sehh l-incident. Ghalhekk huwa aktar verosimili illi kienu proprju l-annimali li taghhom kien responsabbli l-attur, illi fil-fatt ikkawzaw il-incident, u ghalhekk anke f'dan ir-rigward l-attur ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni tieghu illi kien l-konvenut illi kien responsabbli ghal incident.

Meta tghasru, dan il-kaz jispikka ghall-inabilita` tal-attur li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, dak minnu

allegat. Fic-cirkostanzi l-appell mhux biss huwa infondat izda jirrazenta l-fieragh.

**Decide**

8. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu a karigu ta’ l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------